**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Frar, 2017

Rikors Guramentat numru : 272/13 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet isseparaw personalment u legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Christine Abela datat 21 ta' April 2010 (Dok RS1), liema kuntratt gie emendat permezz ta' kuntratt iehor in atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 10 ta' Awwissu 2010 (Dok RS2)**;**

2. Illi a tenur tal-artikolu sitta' (6) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni l-komparenti A B obbliga ruhu illi:

   "*jivversa lill-Mara, ghall-bzonnijiet tal-istess tfal minuri, is-somma mensili ta' tliet mija u hamsa u sebghin ewro (€375) u cioe, mija u seba' u tmenin ewro u hamsin ewro*

*centezimu (€187.50) kull xahar ghal kull wild. Ir-Ragel jobbliga ruhu li jivversa il-manteniment fit-tielet (3) gurnata ta' kull xahar bil-quddiem u ser jivversa dan il-manteniment direttament f'kont f'isem il-Mara bin-numru erbgha zero zero wiehed tmienja tmienja disgha tnejn disgha erbgha sink tlieta mal-Bank of Valletta plc. Il-manteniment ta' kull wild jibqa' dovut sakemm hu/hi taghlaq l-eta` ta' tmintax-il sena u sakemm dawn ikunu qed jghixu principalment mal-Mara. Qed jigi miftiehem illi l-manteniment ghat-tfal minuri ser jizdied kull sentejn skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Inoltre, il-Partijiet jaqblu wkoll li spejjez ta' ezamijiet u spejjez medici ta' natura straordinarja bhal spejjez tad-dentist u ta' ophthalmologist ser jinqasmu ugwalment bejn il-Partijiet, u dana wara li l-parti li tkun qed titlob rifuzjoni ta' somma mhallsa minnha turi a sodisfazzjoni tal-parti l-ohra l-fatturi jew ircevuti relattivi";*

3. Illi c-cirkostanzi finanzjarji tar-rikorrent inbiddlu u dana anke in vista tal-fatt illi minhabba l-emenda li saret fil-kuntratt ta' separazzjoni fl-10 ta' Awwissu 2010, l-istess rikorrent kellu jidhol ghall-loan konsiderevoli mal-Bank sabiex l-intimata tinghata sehemha mid-dar matrimonjali u effettivament ma jibqa' l-ebda proprjeta` in komun;

4. Illi a kawza ta' dawn c-cirkostanzi, flimkien ma' cirkostanzi socjali godda, is-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrent tbiddlet drastikament tant li l-esponent ma jistax ikompli jhallas il-manteniment u l-ispejjez tat-tfal hekk kif patwit fil-kuntratt ta' separazzjoni personali u dan kif ser jigi ippruvat ahjar bi prova dokumentarja fil-mori ta' din l-kawza;

5. Illi l-esponent ihoss li c-cirkostanzi partikolari tieghu jaghtu lok ghal revizjoni fi klawsola sitta` (6) tal-istess kuntratt ghal dak li jirrigwarda l-manteniment patwit u l-ispejjez pagabbli lill-intimata u ghalhekk qed jipprocedi f'din l-istanza;

6. Illi kif ser jigi ippruvat fil-kawza, il-mezzi u l-introjtu tal-intimata huma hafna iktar floridi minn dawk tal-esponent;

7. Illi l-esponent gie awtorizzat illi jipprocedi f'din l-istanza permezz ta' Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) anness u mmarkat Dok RS3;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkonsidra l-mezzi u id-dhul rispettiv ta' kull parti u tiddikjara li filwaqt li c-cirkostanzi finanzjarji tal-esponent iddeterjoraw minn mindu l-partijiet isseparaw legalment dawk tal-intimata tjiebu sostanzjalment; konsegwentment;

2. Timmodifika billi tordna tnaqqis fil-manteniment li r-rikorrent ghandu jhallas lill-intimata ghaz-zewg minuri;

3. Tordna li l-ispejjez ta' ezamijiet u spejjez medici ta' natura straordinarja jithallsu esklussivament mill-intimata.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimata li hi minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet: (fol. 32)

1. Illi c-cirkostanzi finanzjarji tar-rikorrent ma nbidlux b'mod illi jimmeritaw li jkun hemm tnaqqis fil-manteniment skont kif mitiehem bejn il-partijiet permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Christine Abela datat 21 ta' April 2010, anzi minn dakinhar il-posizzjoni finanzjarja tar-rikorrenti tjiebet tant illi fl-10 ta' Awissu 2010 hu akkwista sehem l-eccipjenti mill-fond gja matrimonjali u garaxx li kienu proprjeta in komuni bejn il-partijiet;
2. Illi r-rikorrenti kien jaf ghal x'hiex diehel u l-piz finanzjarju li kien ser jassumi meta gie sabiex jiffirma l-kuntratt ta' separazzjoni datat 21 ta' April 2010 kif ukoll l-att fejn akkwista s-sehem tal-eccipjenti mill-fond gja matrimonjali u l-garaxx;

3. Illi l-ghan ewlieni ta' din il-kawza hu li din il-Qorti tnaqqas il-manteniment tal-ulied minuri sabiex ir-rikorrent jaghmel tajjeb ghall-ispejjez li ser iggib maghha t-tarbija l-gdida li ma hijiex il-wild tal-esponenti;
4. Illi r-rikorrent ma hu xejn hlief il-*lunga manus* tal-*partner* tieghu bl-istess mod kif din il-kawza ma ghandha l-ebda skop genwin warajha;
5. Illi fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent huwa kapaci jiggenera ntrojtu li jippermettilu jhallas kommodament l-ammont pattwit, kif ukoll ammont oghla u li jkun izjed xieraq biex ulied il-kontendenti jkunu jistghu jghixu ahjar;
6. Il-manteniment li suppost qed ihallas illum ir-rikorrent m'huwiex bizzejjed biex ikopri l-htigijiet bazici tal-ulied minuri;
7. Illi l-introjtu li tippercepixxi l-eccipjenti huwa wiehed baxx hafna, u l-ulied ma jistghux ibatu minhabba l-irresponsabilitajiet tal-attur;
8. Illi b'dak li qieghed jitlob ir-rikorrent, l-eccipjenti titpogga f'pozizzjoni finanzjarja prekarja stante li tinsab fl-impossibilita li taghmel tajjeb ghan-nuqqas tar-rikorrent;
9. Illi l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent eskussivament stante li l-kawza saret b'mod frivolu u vessatorju;

Illi l-eccipjenti qed tipprevalixxi ruhha mill-istanza attrici sabiex tintavola talba rikonvenzjonali (kontro-talba) skont il-ligi;

Salvi eccezzjonijiet ohra, u bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz taghha ippremettiet:

1. Illi l-eccipjenti qeghda ripprevalixxi ruhha mill-istanza attrici u qed tippromovi din it-talba rikonvenzjonali taghha sabiex tikkawtela l-interessi ta' uliedha minuri S u L ahwa B;
2. Illi l-kontendenti zzewwgu fl-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, S u L ahwa B;

3. Illi l-partijiet huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor Christine Abela datat wiehed u ghoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010);
4. Illi permezz tal-klawsola numru sitta (6) tal-istess kuntratt, ir-rikorrent obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta is-somma ta' tlett mija hamsa u sebghin Ewro (€375) fix-xahar bhala manteniment ghall-imsemmija zewgt itfal minuri, liema manteniment kellu jithallas kull xahar bil-quddiem;
5. Illi l-partijiet qablu li din is-somma ghandha tawmenta kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja, madanakollu r-rikorrent rikonvenut qieghed jonqos milli jhallas il-manteniment kif awmentat;
6. Illi l-ammont ta' manteniment li suppost qieghed ihallas illum ir-rikorrent rikonvenut fis-somma ta' tlett mija hamsa u sebghin Ewro (€375) fix-xahar ghaz-zewgt itfal minuri mizjud skont l-indici tal-gholi tal-hajja, m'huwiex bizzejjed biex ikopri l-htigijiet bazici taghhom;
7. Illi l-kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet datat wiehed u ghoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010), huwa sieket ghal dak li jirrigwardja l-ispejjez ta' edukazzjoni (ghajr ghall-ispejjez tal-ezamijiet) inkorsi mill-mara favur uliedha minuri kif ukoll huwa sieket ghal dak li jirrigwardja l-ispejjez ta' sahha ta' natura ordinarja li jigu inkorsi ghall-ulied minuri;
8. Illi l-kuntratt ta' separazzjoni surriferit huwa sieket ukoll ghal dak li jirrigwardja l-ispejjez relatati mal-attivitajiet extra kurrikulari inkorsi ghaz-zewgt ulied minuri S u L ahwa B;
9. Illi l-kuntratt ta' separazzjoni surriferit huwa wkoll sieket dwar l-obbligu tar-ragel ta' manteniment versu l-ulied minuri wara l-eta' ta' tmintax (18)-il sena;
10. Illi ghalhekk kellha ssir din it-talba rikonvenzjonali;

Talbet li l-attur jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tordna illi l-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejn il-partijiet in atti tan-Nutar Dottor Christine Abela datat wiehed u ghoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) jigi modifikat f'dak li jirrigwarda l-klawsola numru sitta (6)

b'dan illi tordna zieda fil-manteniment pagabbli mir-rikorrent rikonvenut lill-konvenuta rikonvenjenti ghall-bzonnijiet ta' l-ulied minuri S u L ahwa B;

2. Tordna lir-rikorrent rikonvenut ihallas l-ispejjez ordinarji ta' sahha, spejjez edukattivi kemm ta' natura ordinarja kif ukoll ta' natura straordinarja, u sabiex ihallas ukoll l-ispejjez relatati mal-attivitajiet extra kurrikulari nkorsi favur iz-zewgt ulied minuri S u L ahwa B;
3. Tordna li l-manteniment dovut mir-rikorrent rikonvenut versu l-bzonnijiet tal-ulied S u L ahwa B jithallas sakemm l-ulied jaghlqu l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena f'kaz li jibqghu jistudjaw;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent rikonvenut li qieghed jigi minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz taghha eccepixxa : (fol. 42)

ILLI l-esponent ma jaqbilx mal-allegazzjonijiet u pretensjonijiet maghmula mir-rikonvenzjonata fir-rikors guramentat taghha u dana stante li l-istess huma inveritieri u nfondati fil-fatt u fid-dritt, hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponent jirriserva li jressaq xhieda in sostenn.

ILLI ghalhekk l-esponenti jopponi ghat-talbiet kollha hekk kif esposti fil-kontrotalba, u dana a bazi tas-segwenti:

1. Illi huwa ma joggezzjonax ghall-ewwel talba tal-intimata u dan limitatament ghal modifikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Christine Abela datat 21 ta' April 2010; izda ma jaqbilx illi ghandha tigi ordnata zieda fil-manteniment pagabbli mill-esponent. L-esponent ghal darb'ohra jikkontendi illi l-modifika ghandha ssehh fis-sens illi l-manteniment minnu dovut ghandu jigi ridott u dana stante illi vverifikaw ruhhom cirkostanzi u ragunijiet li fuqhom l-esponent ma kellux kontroll, rizultat ta' liema llum l-esponent m'ghadux aktar f'pozizzjoni finanzjarja illi jissomministra l-manteniment patwit fil-kuntratt fuq citat; filwaqt li c-

cirkostanzi finanzjarji u d-dhul tal-konvenuta immiljoraw u dana kif jindika l-*lifestyle* taghha u ser jigi ippruvat ahjar waqt l-kawza;

2. Illi l-esponent qieghed jopponi wkoll ghat-tieni talba tal-konvenuta u dana stante, illi fl-ewwel lok skont l-artikolu 19 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, manteniment jinkorpora, l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni u ghaldaqstant is-sahha tal-minuri hija gja koperta bil-manteniment illi l-esponent presenzjalment jivversa lill-konvenuta ghall-uliedu. Illi iktar minn hekk, l-intimata ghadha zghira u kapaci tiggenera introjtu li jippermettilha thallas komodament ghall-ispejjez tal-attivitajiet extrakurrikulari tal-minuri; ghal-liema ta' min wiehed jghid, qed tiddeciedi esklussivament wahidha; il-Ligi timponi fuq iz-zewgt genituri l-obbligu li imantnu lil ulied u f'din l-kawza ser tingieb prova li l-intimata kapaci tiggenera dhul u ghandha dhul;

3. Illi l-esponent jifhem illi llum il-ligi titlob illi l-genituri jibqghu imantnu lill-uliedhom sal-eta` ta' tlieta u ghoxrin sena f'kaz li jibqghu jistudjaw; u huwa propju anke ghalhekk illi l-esponent umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' t-talbiet tieghu ghall-riduzzjoni fl-ammont ta' manteniment dovut minnu u dana sabiex ikun jirrifletti d-dhul u l-mezzi tieghu; madanakollu dina l-Onorabbli Qorti ghandha tqies fil-mument propizju jekk l-ulied ikunux verament qed jistudjaw u jekk ikunux kapaci jiggeneraw introjtu.

4. Illi finalment l-esponent qed jopponi ghall-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra C D li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur rikonvenzjonat;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Rat l-affidavits kollha prodotti kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbali tas-seduti kollha miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia u x-xiehda kollha miġjuba quddiema;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

Il-Qorti tirrileva illi, għall-faċilita` tal-espressjoni u l-kjarezza, ser tirreferi invarjabbilment għal A B bħala r-"rikorrent" u/jew l-"attur" u għal C D bħala l-"intimata" u/jew il-"konvenuta" – u dan minkejja l-eżistenza tal-kontro-talba relattiva.

PRINĊIPJI LEGALI: IL-LIĠI u L-ĠURISPRUDENZA

Il-Qorti għandha quddiemha azzjoni għall-varjazzjoni fil-manteniment dovut għall-minuri S[1] u L[2] aħwa B. Il-partijiet jaqblu illi l-manteniment pattwit skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Christine Abela iddatat il-21 t'April 2010[3] ikun varjat, b'dana iżda li l-attur jinsisti li dan għandu jiġi mnaqqas, filwaqt illi l-attriċi permezz tal-kontro-talba appożita tagħha titlob l-awment tal-istess manteniment. Skont dan il-kuntratt iċċitat, l-attur għandu jivversa lill-konvenuta s-somma ta' tliet mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€375) kull xahar għaż-żewġ minuri cioe €187.50 kull wieħed.

Jiġi rilevat illi permezz ta' kuntratt ta' emenda ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. Jean Paul Farrugia iddatat l-10

[1] Imwielda fl-10 t'April 1999
[2] Imwieled fil-21 t'April 2005
[3] Kopja legali tal-istess kuntratt tinsab esebita a fol. 5 tal-proċess

t'Awwissu 2010[4], il-partijiet biddlu l-ftehim tagħhom sa fejn jirrigwarda d-dar matrimonjali inkluż il-garaxxijiet, iżda ma varjaw xejn dak li jirrigwarda lil uliedhom, inkluż il-manteniment tagħhom.

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Illi minkejja li dak li jkun miftiehem bejn il-partijiet għandu forza ta' liġi u ma jinbidilx daqstant faċilment, il-liġi tipprovdi għal ċirkostanzi bħal din odjerna, fejn parti tħoss li hemm lok għat-tnaqqis tal-manteniment minnu mħallas, u dana permezz tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Ċivili illi jistipula: ***"21. (1) Meta min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista' jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, hu jista' jitlob li jkun meħlus mill-obbligu tiegħu jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment, skont ma jkun il-każ."***

<u>IL-VERŻJONI TAL-ATTUR</u>

L-attur jikkontendi li wara ftit li sseparaw, il-konvenuta kienet telqet mid-dar matrimonjali u marret tgħix mas-sieħeb tagħha, u li ħalliet iż-żewġ minuri miegħu. F'dan iż-żmien, hija ma kinitx tħallsu manteniment għat-tfal u huwa kien jieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħhom kollha. Kienet tipperċepixxi ċ-*children's allowance* hi u qatt m'għaddietlu xejn minnhom. Sena wara l-

[4] Kopja legali tal-istess kuntratt tinsab esebita a fol. 16 tal-proċess

imsemmi kuntratt, hija kienet talbet li tieħu lura lit-tfal, u minn hemmhekk il-konvenut beda jgħaddilha l-manteniment għat-tfal b'mod regolari. Fl-istess ħin, huwa beda jħallas ukoll €200 fix-xahar, bħala pagament ta' bank loan li ħa sabiex xtara sehem il-konvenuta mid-dar matrimonjali.

Żied jgħid li fl-istess żmien il-paga tiegħu ta' salesman fil-ħanut tal-ispare parts tal-karozzi naqset ħafna.[5] Spjega li dan seħħ peress li n-nies inqas qed isewwu l-karozzi tagħhom minħabba l-iskema tal-iscrapping u għalhekk qed jinbiegħu inqas *spare parts* "tant li jien naqla' qisu bejn Eur700 u Eur750 fix-xahar biss".[6] L-employer tiegħu Joseph Galea[7], li jiġi wkoll zijuh, xehed li A għandu paga ta' €185 fil-ġimgħa. Jaħdem mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-9.00am sal-5.00pm u s-Sibt mid-9.00am sal-5.00pm. Allowances, overtime u benefiċċji m'għandux u lanqas commissions. Xehed illi A "Qatt ma talabni biex inżidlu l-paga."

L-attur jinsisti li l-konvenuta għandha qligħ iktar minnu għaliex oltre l-manteniment, hija tirċievi l-assistenza soċjali u ċ-*children's allowance*, taħdem ukoll ġo ħanut tal-ġojjelli, tbiddel il-karozza ta' sikwit[8], kull ġimgħa tmur tagħmel xagħarha u tmur ta' spiss shopping Tas-Sliema.

Fil-fatt, ġie ippruvat mix-xiehda ta' Saviour Theuma[9], rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali, illi l-konvenuta tipperċepixxi €106.31 fil-ġimgħa bħala Assistenza Soċjali u medja ta' €150 fix-xahar bħala *children's allowance.* L-istess Theuma xehed illi fil-waqt li l-attur ma jirċievi ebda benefiċċji relatati ma' S u L, huwa jirċievi għajnuna oħra li tinvolvi terzi.[10]

---

[5] Affidavit tal-attur a fol. 39
[6] Dan huwa korraborat mill-formoli tat-taxxa esebiti fol. 335 et seq.
[7] Xhieda mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fit-12 ta' Ġunju 2015 Fol. 411
[8] Ma rriżultat ebda vettura reġistrata f'isem C D minn riċerka li saret minn Transport Malta, xhieda ta' A B mogħtija fit-3 t'Ottubru 2014 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 283. Mid-dokument esebit fol.317, jirriżulta li l-vettura misjuqa minnha li ġġib in-numru ta' reġistrazzjoni ASXIII, hija reġistrata f'isem missierha Paul D K.I. 660954(M).
[9] Mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fis-27 ta' Ġunju 2014, fol. 55 u d-dokumenti minnu esebiti fol. 60 et seq.
[10] Mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fit-3 t'Ottubru 2014, fol. 283

Ġie ppruvat ukoll mix-xhieda ta' Joseph Saliba[11], rappreżentant tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ, illi l-konvenuta ħadmet part-time ma' Classic Group Limited mill-10 ta' Mejju 2010 sas-6 ta' Ġunju 2013. L-attur dejjem ħadem xogħol fiss bħala salesman ma' ċertu Joseph Galea minn Birkirkara.

L-attur xehed illi f'Jannar 2011, huwa beda relazzjoni ma' ċerta Charmaine Mallia Borg u f'Lulju 2013 hija ħarġet tqila. "*Kien ovvju li b'€136 jien ma stajtx nibqa' ngħajjex lili nnifsi, inħallas kontijiet u anke nrabbi tarbija oħra u kien għalhekk li ftaħt il-kawża kontra C biex innaqqas il-manteniment li jien intiha u li fil-frattemp żdied bl-għoli tal-ħajja u ġie rivedut għal €392....Jien nixtieq li l-manteniment li nħallas lil C jiġi rivedut għal €250 fix-xahar u dan sabiex jien inkun nista' nkampa finanzjarjament*"[12]

Iżid li "*kif juru l-kontijiet bankarji t'C stess, hi m'għandhiex bżonn il-manteniment tiegħi għax għandha dħul kbir minn x'imkien ieħor u fil-fatt tagħmel depożiti t'ammonti kbar, spiss!*" Filfatt, huwa jippreżenta prospett[13] fejn jindika id-depożiti u l-ħruġ tal-konvenuta mill-kontijiet bankarji tagħha.

Ix-xhud Charmaine Mallia Bonello, hija l-partner tal-attur u ilha miegħu mill-2010. *"Jien u A B ngħixu flimkien u ilna flimkien kważi ħames snin"*[14]. Spjegat illi binthom twieldet b'kundizzjoni medika (down syndrome[15]) u teħtieġ ħafna terapija u viżti ta' speċjalisti. Kienet taqla' €8,000 fis-sena u niżlet għal €3,000 fis-sena minħabba li kellha tnaqqas il-ħin tax-xogħol[16]. L-attur għandu ordni li jgħaddi €200 kull erba' ġimgħa għal din bintu,[17] iżda ma jistax iħallas, għax oltre l-manteniment ta' uliedu fiż-żwieġ, iħallas €200 ripagament ta' self li għandu ma' missieru rigwardanti d-dar matrimonjali.

In kontro-eżami[18], l-attur spjega illi huwa m'għandux impjieg part-time. Ma jistax isib xogħol ieħor għaliex fl-għaxija jieħu

[11] Mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fis-27 ta' Ġunju 2014, fol. 55 u d-dokumenti minnu esebiti fol. 64 et seq.
[12] Affidavit ulterjuri tal-attur, fol. 384
[13] Fol. 393
[14] Mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fl-24 ta' Marzu 2015, fol. 327
[15] Ara ċ-ċertifikat mediku fol. 396
[16] Dan huwa kkorraborat mill-Profit & Loss Accounts, fol. 399 u 400
[17] Kopja legali tad-digriet iddatat 3 ta' Frar 2015 jinsab esebit fol. 378
[18] Seduta tat-13 ta' Novembru 2015, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 501

ħsieb it-tifla. "*Ma ppruvajtx infittex xogħol b'paga ieħor*". Jikkonferma li jgħix mal-partner tiegħu f'Ta' Paris f'post li huwa propjeta` tagħha. Huma qed jistennew it-tieni tarbija[19]. Rigward il-post tax-Xemxija, jgħid li huwa vojt u mhux mikri. Ġieli krieh għal €400 fix-xahar imma ma jixtieqx jibqa' jikrih għax kissrulu kollox.

Rigward uliedu fiż-żwieġ jgħid li ma kienx hemmx spejjeż straordinarji ta' saħħa għalkemm huwa minnu li t-tifel ibati bl-ażma. Il-konvenuta qatt ma bagħtitlu kont ta' mediċini u l-eżamijiet ma tħallasx tagħhom peress li hija *single mother*.

IL-VERŻJONI TAL-KONVENUTA

Il-konvenuta tispjega li hija kienet taħdem 35 siegħa fix-xahar ma' Classic Jewellers, iżda kellha tieqaf peress li riduha taħdem sal-10pm u hija ma setgħetx taħdem sa dak il-ħin għax ma kellhiex min iżomm it-tfal[20]. Minn dan ix-xogħol, fl-2011 hija qalgħet €2028, fl-2012 qalgħet €2013 u fl-2013 qalgħet €1122[21]. Tirċievi €425 kull erba' ġimgħat bħala għajnuna soċjali, oltre manteniment ta' mingħand missier it-tfal (l-attur). Id-dar li tgħix fiha xtratha minn sehemha tad-dar matrimonjali.

Hija tallega li kien hemm żmien fejn l-attur kien qed iħallas biss parzjalment għall-manteniment dovut għal uliedhom u cioe kien jgħaddilha kemm ifettillu. Hija kienet tagħmel ir-rapport relattuv mal-Pulizija u tmexxi kontra tiegħu bil-Qorti[22]. Is-sitwazzjoni

---

[19] Sad-data tal-preżenti, din it-tarbija għalqet sena jew waslet biex tagħlaqha.

[20] Xhieda tal-attriċi mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fil-21 ta' Frar 2014, fol. 320

[21] Rendikont tat-taxxa esebit fol. 324 tal-proċess.

[22] Rapport P1 fol. 717 iddatat 19 ta' Settembru 2011;
Rapport P3, fol. 723 iddatat 13 ta' Diċembru 2011;
Rapport P5, fol. 729 iddatat 25 ta' Jannar 2012;
Rapport P6, fol. 732 iddatat id-19 ta' Frar 2012;
Rapport P7 fol. 735 iddatat 23 ta' Marzu 2012;
Rapport P9 fol. 741 iddatat it-12 ta' Ġunju 2013;
Rapport P10 fol. 744 iddatat it-18 t'April 2012;
Rapport P11 fol. 747 iddatat 20 ta' Mejju 2012;
Rapport P 13 fol. 754 iddatat 20 ta' Ġunju 2012;
Rapport fol. 757 iddatat 26 ta' Lulju 2012;
Rapport P16 fol. 764 iddatat it-23 t'Awwissu 2012;
Rapport P17 fol. 766 iddatat il-21 ta' Settembru 2012;
Rapport P18 fol. 768 iddatat l-10 ta' Marzu 2015 u jkopri minn Ġunju 2013 sa Frar 2015;
Rapport P19 fol. 771 iddatat it-18 ta' Marzu 2015;

baqgħet għaddejja għal diversi xhur sakemm b'digriet iddatat l-10 ta' Lulju 2015[23], il-Qorti ordnat illi l-manteniment jinqata' direttament mill-paga tal-attur. Fil-fatt, riċentement[24] il-konvenuta xehdet illi l-attur qiegħed up to date fil-pagamenti tal-manteniment.

Missier il-konvenuta Paul D xehed[25] kif jgħin lill-konvenuta bili jistenna lit-tfal x'ħin jiġu mill-iskola u jlestilhom l-ikel. Jgħinha finanzjarjament billi jħallsilha bżonnijiet tat-tfal bħal tabib, mediċini u uniformijiet. Lit-tifla xtralha laptop u ħallsu bin-nifs u wkoll mobile u computer. Jgħin lil C ukoll li xi drabi jkollha bżonn €10 għall-petrol. Oltre dawn l-ispejjeż, huwa jonfoq ċirka €60 fix-xahar għat-tfal.

Il-konvenuta preżentement qiegħda taħdem ġewwa klinika dentali u ilha minn Frar 2015. Taħdem part-time, ċirka 20 siegħa fil-ġimgħa, bir-rata ta' €4.16 fis-siegħa. Bħala assistenza soċjali tirċievi €186 fix-xahar u €269 kull tliet xhur bħala *children's allowance*.

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 21 tal-Kodiċi Ċivili, ġja ċċitat, mhuwiex intiż sabiex jissodisfa l-pika li tista' teżisti bejn il-ġenituri mifruda tal-ulied, iżda għandu jintuża f'każijiet serji fejn persuna li tkun tenuta obbligata tħallas manteniment, isir impossibbli għalih/a li tonora l-istess obbligi u dan għal raġunijiet **indipendenti** mill-volonta` tiegħu/tagħha.

L-attur jikkontendi li huwa għandu jħallas inqas manteniment għal uliedu mwieldin fiż-żwieġ mal-konvenuta, fost raġunijiet oħra, għax illum huwa għandu żewġ ulied oħra minn relazzjoni oħra. Il-Qorti tirrileva illi huwa xieraq u korrett illi l-attur jassumi

Rapport P20 fol. 774 iddatat il-21 t'April 2015;
Rapport P21 fol. 777, iddatat l-24 ta' Lulju 2015;
Rapport P22 fol. 780 iddatat id-19 ta' Mejju 2015;
Rapport P.23 fol. 782 iddatat id-19 ta' Ġunju 2015;

[23] Fol. 452

[24] Seduta tal-5 ta' Lulju 2016, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 799

[25] Xhieda mogħtija fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2016 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 796

r-responsabilita tat-trobbija ta' dan iż-żewġt'itfal stante li huma wkoll uliedu, **iżda dana bl-ebda mod m'għandu jsir a spejjeż tal-aħwa l-oħra**. Dan huwa raġunament li l-Qorti ma tista' qatt taċċetta u tapplika.

Il-Qorti hawnhekk qed issegwi l-insenjament tagħha stess fil-kawża Caroline Zarre et vs. Joseph Sammut[26] fejn kienet stipulat: *"L-intimat min-naħa l-oħra jikkontendi li għandu ulied oħra xi jmantni għall-kuntrarju tal-attriċi li għandha wild wieħed. Għalkemm jidher li tali dikjarazzjoni hija inveritiera stante li l-attriċi tiddikjara li għandha tifla oħra (mir-raġel tagħha), l-Qorti tiddeplora dan it-tip ta' raġunament għaliex* ***l-ulied huma kollha l-istess****, kollha bl-istess drittijiet u għalhekk żgur li ma jistax jingħad li għandu jkun hemm xi differenza bejniethom jew fil-mod ta' kif jiġu mantenuti. Huma ż-żewġ ġenituri li għandhom l-istess obbligi versu wliedhom. Dan ifisser li* ***la l-intimat għandu tliet ulied, allura għandu l-istess obbligi għat-tlieta li huma mingħajr ebda forma ta' differenza bejniethom.*** *Jekk l-attriċi għandha wild wieħed (dejjem skont l-intimat), m'għandhiex tkun żvantaggata. Se mai, l-intimat kellu jkun aktar responsabbli biex jaċċerta ruħu li wliedu ser ikollhom ħajja tajba."*

Fil-każ odjern, ladarba r-responsabilitajiet tal-attur żdiedu, l-istess attur għandu jagħmel l-almu tiegħu kollu biex ikollu introjtu proporzjonat mal-obbligi tiegħu. Cioe jekk issa jeħtieġ imantni erbat'ulied minflok tnejn, għandu almenu jittenta jfittex xogħol li minnu jaqla' aktar flus, jew jagħmel xogħol part-time, mhux inaqqas il-manteniment ta' uliedu. Jirriżulta li minkejja li huwa jilmenta dwar l-introjtu tieghu, qatt ma talab lill-imgħallem tiegħu, ossia zijuh għal żieda!!

Inoltre, l-ilment tiegħu li l-kumpanija naqqsilha x-xogħol, ma serva xejn għajr biex jiżvija lill-Qorti li kienet qiegħda tifhem li huwa kellu xi *commission* jew bonus relatat mal-bejgħ li jagħmel, meta rriżulta li dan mhuwiex il-każ.

L-azzjoni li ħa l-attur meta sar jaf li s-sieħba tiegħu hija tqila, kien li jintavola l-kawża odjerna sabiex inaqqas il-manteniment

[26] Rikors Ġuramentat 149/11AL, deċiża fis-6 ta' Novembru 2014

ta' uliedu l-oħra. Kieku uża l-istess enerġija li ħela f'din il-kawża, inkluż il-medjazzjoni, kif ukoll il-proċeduri intavolati mis-sieħba tiegħu, biex ifittex xogħol b'paga aħjar jew jagħmel xi xogħol żejjed, ċertament li kien ikun iktar ta' benefiċċju għal uliedu kollha.

Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li s-sors tal-kawża odjerna m'huwiex għajr il-pika bejn il-partijiet, tant li dawn iffokaw il-provi tagħhom fuq il-mezzi rispettivi tagħhom – aspett importanti f'kawża bħal din. Pero`, kien ikun daqstant importanti, kieku ressqu l-provi wkoll dwar il-bżonnijiet tal-minuri u kif dawna evolvew mill-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni sal-lum.

Tenut kont illi l-attur għandu diversi alternattivi quddiemu x'jista' jagħmel biex ilaħħaq mal-obbligi kollha tiegħu, it-talba tiegħu għat-tnaqqis tal-manteniment t' uliedu m'hijiex qed tiġi akkolta. Kif diġa intqal, il-Qorti tista' tikkunsidra tnaqqis fil-manteniment biss meta jkun hemm ċertu estremi, li ma jirriżultawx fil-każ odjern.

Rigward il-kontro-talba tal-konvenuta, il-Qorti hija tal-fehma li ma nġibietx prova suffiċjenti li l-bżonnijiet tal-minuri kibru tant li jiġġustifikaw żieda fil-manteniment pattwit. Xi żieda dejjem ikun hemm u fil-każ odjern, dan jagħmel tajjeb għalih iż-żieda gradali tal-manteniment skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Fil-fatt il-manteniment li oriġinarjament kien ta' €375 kull xahar, illum tela għal €405[27]. Għaldaqstant ma jirriżultax illi kien hemm xi awment straordinarju fil-bżonnijiet tal-minuri, oltre l-awment prevedibbli u li diġa huwa maħsub fil-kuntratt.

Il-partjiet jirrilevaw illi jeħtieġu kjarifika ta' dak illi jkopri il-manteniment pattwit u cioe dwar l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u spejjeż t' attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri, kif ukoll dwar sakemm huwa pagabbli l-istess manteniment.

Il-Qorti tirreferi għall-klawżola numru sitta (6) tal-kuntratt tas-separazzjoni bejn il-partijiet, minn fejn fil-fehma tal-Qorti jirriżulta ampjament ċar illi l-ħlas tal-manteniment għandu jkopri l-ispejjeż kollha tal-ulied, għajr għall-ispejjeż tal-eżamijiet u

[27] Kalkolat skont l-indiċi tal-għoli tak-ħajja ai termini tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

spejjeż mediċi ta' natura straordinarja bħalma huma d-dentist u l-oftalmologu. Dawn tal-aħħar, jitħallsu mill-konvenuta li tiġi rimborsata nofshom mill-attur, mal-preżentata tar-riċevuta relattiva.

M'hemmx dubju li l-partijiet, skont l-istess ftehim ta' bejniethom, mill-pagament tal-manteniment, m'eskludewx l-ispejjeż l-oħra relatati mal-edukazzjoni t'uliedhom (bħalma huma l-privatijiet, il-kotba u l-uniformijiet) inkluż l-attivitajiet extra-kurrikulari. Il-Qorti hija tal-fehma li m'għandhiex għalfejn tvarja dan il-ftehim milħuq mill-partijiet, għax ma nġibux provi ta' xi spejjeż straordinarji ta' privatijiet jew attivitajiet extra-kurrikulari li setgħu ġew inkorsi għall-minuri.

M'hemmx ukoll ebda dubju, li minkejja lil l-istess klawżola sitta (6) tal-kuntratt tas-separazzjoni, tistipula li l-manteniment huwa pagabbli sakemm l-ulied jilħqu l-eta` ta' tmintax-il sena, dan il-ftehim ġie sorvolat bil-leġislazzjoni, partikolarment bl-applikazzjoni tal-Avviż Legali XIV tas-sena 2011, fejn dana emenda l-artikolu 3B, billi speċifika illi ladarba l-ulied ikunu jistudjaw u jitħarrġu *full-time*, huma jibqgħu jiġu mantnuti mill-ġenituri tagħhom, sakemm jilħqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena. Għaldaqstant bl-applikazzjoni tal-istess sub-inċiż, l-attur jibqa' jivversa lill-konvenuta l-manteniment għal uliedhom oltre l-għeluq tat-tmintax-il sena tagħhom, sakemm dawna jibqgħu jistudjaw/jitħarrġu *full-time* jew sakemm jilħqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena, skont liema tavvera ruħha l-ewwel.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

tiċħad it-talbiet kollha mressqa mill-attur;

tiċħad l-ewwel u t-tieni talba rikonvenzjonali tal-konvenuta, filwaqt illi tikkonferma li l-manteniment dovut għall-minuri S u L aħwa B, jibqa' jiġi mħallas mill-attur lill-konvenuta, oltre l-għeluq tat-tmintax-il sena tagħhom, sakemm dawna jibqgħu jistudjaw/jitħarrġu *full-time* jew sakemm jilħqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena, skont liema tavvera ruħha l-ewwel; u

tikkonferma d-digriet tagħha tal-10 ta’ Lulju 2015.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Rita D-Baldacchino
Deputat Registratur